MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1383/2002/1

***AMC Marketing Limited***

***vs***

***Fred Bongusto Limited u b'digriet ta' l-1 ta' Ottubru 2002, it-Tribunal awtorizza l-korrezzjoni ta' l-isem tas-socjeta' konvenuta illi ghandu jinqara bhala Fred Buongusto Limited u mhux Fred Bongusto Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) rappresentanti ammont dovut ghall-

merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tal-15 ta’ Marzu 2002 u bl-imghax legali mill-10 ta’ Lulju 2001, data ta’ l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra d-digriet ta’ l-1 ta’ Ottubru li permezz tieghu l-isem tas-socjeta’ konvenuta gie korrett minn “Fred Bongusto Limited” ghal “Fred Buongusto Limited”.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata bl-avviz kif korrett, baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Ra n-nota tas-socjeta’ attrici tal-25 ta’ Ottubru 2002 li permezz taghha t-talba attrici giet ridotta ghal elf u erba’ mitt lira (Lm1400) stante pagament ta’ mitt lira (Lm100) fil-mori tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Novembru li minnu jirrizulta illi s-socjeta’ attrici rriduciet it-talba taghha b’hamsin lira Maltin (Lm50) ohra stante pagament iehor biex b’hekk it-talba attrici giet ridotta ghal elf tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm1350).

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Anthony Cutajar ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont kif ridott ghal elf tlett mija u hamsin liri Maltin (Lm1350) ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf tlett mija u hamsin liri Maltin (Lm1350), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tal-15 ta’ Mejju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**